**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 516/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Eman Hayman)**

**vs.**

**Malcolm Saliba**

Illum is-17 ta' Jannar 2022

Il Qorti:

Rat illi tressaq Malcolm Saliba ta' 21 sena, iben Jesmond u Letizia nee' Persiano li twieled gewwa Pieta' nhar is-16/09/1999, idikjarat li jirrisjedi gewwa l-indirizz 28, Jeslet, Triq Schembri, Ħamrun u detentur tal-karta ta' l-identita 307399M

Akkużat talli nhar id-09/08/2021 ghall-ħabta ta' 2PM u fis-siegħat u, jew fil-ġranet u, jew ġimgħat ta' qabel ġewwa Għarghur, Ħamrun u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer.

1. Ikkaġuna lil eks sieħba tieghu **Kimberley Chantel Baker**, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali, liema delitt twettaq ripetutament

2. Permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġieghel lil eks sieħba tieghu **Kimberley Chantel Baker**, taghmel xi ħaġa jew ghamel użu ieħor mhux xieraq bih

U talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'rizoluzzjoni wahda

3. Permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġieghel lil eks sieħba tieghu **Kimberley Chantel Baker**, taghmel xi ħaġa jew ghamel użu ieħor mhux xieraq bih

4. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali lil eks sieħba tieghu **Kimberley Chantel Baker** jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni

Il-Qorti hija mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta' **Kimberley Chantel Baker** jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Malcolm Saliba** billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil **Malcolm Saliba** b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal zmien li tħoss xieraq

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkużat/i ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li meta sar l-ezami ta' l-imputat skond l-artikolu 392(2) tal-Kodici Kriminali, nhar il-11 ta' Jannar 2016 l-imputat iddikjara li kien hati u irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet fl-udjenza tat-2 ta' Dicembru 2021.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tat-2 ta' Dicembru 2021 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Il-fedina penali ta' l-imputat hija netta u ma jinsabu ebda sentenzi registrati kontrih.[1]

- L-imputat irregistra ammisssjoni fl-ewwel udjenza u fl-iktar stadju bikri qabel ma l-prosekuzzjoni kienet lahhqet ressqet xhieda u provi.

  Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[2], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[3], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[4] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[5]

  Ghaldaqstant jista' jinghad li l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri u ghalhekk l-imputat ghandu jibbenifika minn dan l-attenwanti.

---

[1] Folio 3 ta' l-atti processwali
[2] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[3] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[4] Thomson Reuteurs, S-29
[5] Blackstone Press Limited – 2006 edition

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi.

- Fis-sottomissjonijiet dwar il-piena, il-prosekuzzjoni tenniet li din il-Qorti ghandha tikkunsidra li ma taghtix piena karcerarcja fil-konfront ta' l-imputat izda minflok ghandha tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation u Ordni ta' Trattament kif ukoll li timponi multa.

- Id-difiza tabbraccja din is-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni u qablet fis-shih mal-piena suggerita lill-Qorti.

- Illi filwaqt li l-Qorti mhix bl-ebda mod marbuta ma dawn is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza tara li din il-piena hi legalment proponibbli u fil-parametri tal-ligi skond il-Kapitoli 9, 399 u 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

- Illi dan ir-reat sehh meta l-imputat u l-vittma kienu hassru r-relazzjoni ta' bejniethom u l-imputat kien hadha hazin hafna li kienet telqitu s-siehba tieghu. Filwaqt li kull att ta' vjolenza domestika huwa deplorabbli il-Qorti ma tqisx li f'dan il-kaz jezistu l-estremi sabiex tigi erogata piena ta' prigunerija u l-Qorti sejra tghaddi sabiex taghti piena alternattiva ghal dik karcerarja.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in

generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku u dan fid-dawl tac-cirkostanzi ta' kif sehh il-kaz.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 251, 251H, 339(1)(e) u 412D tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Malcolm Saliba, fuq ammissjoni tieghu stess, **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u in kwantu ghall-piena tordna li l-imputat jitqighed taht Ordni ta' Probation u Ordni ta' Trattament, it-tnejn ghal zmien sentejn millum oltre li tikkundannah ghal multa ta' hames mitt Euro (€500).

Ghalhekk il-Qorti qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sentejn millum b'dan li ghal dan l-iskop qeghda tordna li l-hati jitqieghed taht is-sorveljanza t'Ufficjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

A tenur tal-Artikoli 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

Il-hati jiddikjara li jaqbel ma' tali ordnijiet. Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ ordni ta' trattament fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikutajiet li huwa jidher għaddej minnhom u sabiex jitghallem jikkontrolla l-emozzjonijiet tieghu, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħati taħt ordni ta' trattament għal perjodu u ta' sentejn millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 14 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeda tawtorizza li l-multa tithallas b'pagamenti mensili ta' mitt Euro (€100) fix-xhar bl-ewwel pagament issir mhux aktar tard minn xhar wara illum u b' pagamenti ekwivalenti konsekuttivament u interrottament fl-ahhar ta' kull xahar sussegwenti bid-dekadenza u fin-nuqqas ikun konvertibbli f'prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum nhar is-17 ta' Jannar 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**